**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta` Dicembru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**ADRIAN CASSAR GALEA**
**LILIANA CASSAR GALEA**

Kump Nru 42/2003

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Adrian Cassar Galea** detentur tal-karta tal-identita numru 14964M, u **Liliana Cassar Galea** detentrici tal-karta tal-identita numru 794857M gew akkuzati:

1. Talli fl-24 ta' Jannar 2001 u fix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, inqastu li tharsu xi ordni legittimu jew htiega legittima tal-awtorita kompetenti;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiku foloz, jew billi nqdejtu b'qerq iehor, ingann, jew billi urejtu haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qliegh ta' Lm6,413 bi hsara tas-socjeta J.M. Ganado and Associates u ohrajn;

3. Talli fl-istess cirkustanzi approprijajtu ruhkom, billi dawwartu bi profit ghalikom jew ghal haddiehor mis-somma ta' Lm6,413, flus ta' haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilkom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz taghkom, jew minhabba depozitu necesarju;

4. Talli fl-istess cirkustanzi, ghamiltu xi qliegh b'qerq bi hsara tas-socjeta J.M.Ganado and Associates u ohrajn;

5. Talli fl-istess curkustanzi, ghamiltu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqtu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbigi foloz jew helsien falz minn oblligi, jew billi dahhaltu dawn il-pattijiet dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati;

6. Talli fl-istess cirkustanzi, ghamiltu jew tghajtu dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

7. Talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamiltu uzu minn skrittura jew dokument falz;

8. Talli fl-istess cirkustanzi, ghamiltu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tista tkun taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, jew aktar ghamiltu uzu minn tali skrittura;

9. Talli fl-istess cirkustanzi, sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalikom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tghajtu taghrif falz;

10. Talli fl-istess cirkustanzi inqastu li tharsu xi ordni legittimu jew htiega legittima ta' awtorita kompetenti.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali, kemm dak skond l-Artikolu 48(2) tal-Kapitolu 404 u dak skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9, sabiex din il-kawza titmexxa skond il-ligi kontra l-imputati (ara *folios* 23, 24, u 25);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali u qieset in-noti ta` sottomissjonijietipprezentati mill-partijiet;

## Ikkunsidrat;

#### Osservazzjonijiet Preliminari

A. Jehtieg li ssir parentezi zghira u generali dwar id-dewmien li ha dan il-process. Diversi fatturi kkontribwew ghal dan il-fatt, fosthom izda mhux biss, il-fatt li fit-12 ta` Lulju 2004, l-atti ta` din il-kawza, jew parti minnhom, flimkien ma hafna ohrajn, kienu gew distrutti minhabba nirien li hakmu l-awla fejn kienu qed jinzammu u naturalment, ir-rikostruzzjoni tal-process jiehu z-zmien. Fatt iehor mhux ta` ftit importanza hu li l-kawza kienet ilha skedata ghall-provi tad-difiza propju mis-seduta tas-26 ta` Novembru 2010 (ara *folio* 282);

B. Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process peress illi, kif inhu f'dan il-kaz, minkejja l-htiega tar-

rikostruzzjoni tal-process, dak kollu li rrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li rrizulta f'dan il-procediment, fil-qosor, huwa s-segwenti.

Nhar l-24 ta` Jannar 2001, l-MFSC (illum MFSA) kienet irrapportat li setghu kienu qed isiru xi irregolaritajiet minn zewg kumpaniji u cioe` General Insurance Agency Ltd (li kellha l-licenzja taghha revokata fil-11/01/2001) u GIS Insurance Brokers Ltd (li kellha l-licenzja taghha revokata fil-05/08/1999), wara li dawn iz-zewg kumpaniji kienu gew ordnati biex ma jkomplux jahdmu u jbieghu insurances.

Bazikament, il-kwistjoni kollha kienet illi l-kumpanija tal-brokers xorta baqghet taghmel *business of insurance broking* meta din suppost kienet waqfet sena u nofs qabel. U wkoll, l-agenzija msemmija kienet qed tohrog poloz ta` assigurazzjoni meta in effetti ma kellhiex *an underwriting authority to bind cover*.

Minn investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija rrizulta li numru ta` entitajiet, fosthom Micallef Stafrace Advocates, SMS Insurance Agency, u JM Ganado and Associates, kienu allegatament xtraw assigurazzjoni w ilkoll kienu hallsu principalment permezz ta` cheques.

Gara illi Lloyds, li tahthom l-imputati kienu qed ibieghu l-assigurazzjoni, infurmat li kien hemm problema dwar dawn l-assikurazzjonijiet partikolari u in effetti ma kienx hemm assigurazzjoni effettiva.

Minhabba dan kollu l-MFSC kienet talbet lill-imputat Adrian Cassar Galea biex jipprovdi dokumentazzjoni u dana sabiex jipprova li hu seta jbiegh assikurazzjoni taht Lloyds. Huwa in effetti kien ipproduca faxes datati Dicembru 2000. Irrizulta li dawn il-faxes setghu b'xi mod gew imbaghbsa. Sussegwentement, ic-cekkijiet li kienu hargu relattivament ghal dawn l-assigurazzjonijiet gew ritornati lil min kien harighom.

Mill-provi rrizulta li fix-xenarju kien dejjem jikkonfigura l-imputat Adrian Cassar Galea; filwaqt li l-imputata Liliana Cassar Galea tista tghid li ma tissemma mkien.

Irrizulta sodisfacentement mill-provi illi effettivament, fix-xhur precedenti ghall-24 ta` Jannar 2001, b'mod kontinwat, l-imputat Adrian Cassar Galea baqa jippersisti fil-*business of insurance*, minkejja li kien hemm ordni cara w inekwivoka sabiex jieqaf, u li hu kien konxju taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi minkejja li *a folio* 74 (depozizzjoni ta` Dr. Marisa Attard) hemm imnizzel u jidher li kienu gew esebiti l-Memorandum and Articles taz-zewg socjetajiet in kwistjoni u dana wkoll sabiex issir il-prova dwar min kienu d-diretturi tas-socjetajiet koncernati, imkien fl-atti ma jirrizultaw dawn id-dokumenti. Din hi mankanza kbira f'dawn il-proceduri.

Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni dwar il-frodi din il-Qorti tirrileva minnufih li dan ir-reat ma jikkonfigurax f'dan il-kaz. Li gara kien li vera, kontra l-ordnijiet ta` l-Awtorita`, l-imputat Adrian Cassar Galea baqa jircievi hlasijiet permezz ta` cekkijiet intizi sabiex jinhargu poloz ta` assigurazzjoni, anke jekk kien jaf li kellu l-problemi biex jinhargu dawn l-assikurazzjonijiet. L-intenzjoni tieghu, kif jirrizulta mill-atti, kienet intiza sabiex effettivament jipprovdi assikurazzjoni ghall-klijenti tieghu u certament ma irrizultat ebda prova konvincenti li huwa ried b'xi mod jiffrodahom.

Anki r-reat ta` approppriazzjoni indebita ma jistax jirrizulta f'dan il-kaz. Ic-cekkijiet li huwa rcieva kienu ntizi sabiex bihom tinxtara assikurazzjoni. Din l-assikurazzjoni ma setghetx tinhareg u effettivament ma inxtratx. Meta huwa gie mitlub, huwa rritorna minnufih ic-cekkijiet lil min kien harighom.

Dwar ir-reati kollha li bhala element materjali taghhom ghandhom il-falsifikazzjoni ta` dokument, din il-Qorti tirrileva li ma hemmx fl-atti prova oggettiva tal-element tal-falz. Veru li l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jindikaw illi x'aktarx iva milli le, li l-falz fuq id-dokumenti koncernati jezisti; izda huwa maghruf u stabbilit illi din il-prova twassal biss sal-grad tal-probabbli – grad li ma hux ta` sostenn ghall-kaz tal-prosekuzzjoni.

**KONKLUZZJONI;**

Minn dak hawn fuq premess, din il-Qorti tikkonkludi s-segwenti :

a. Illi ma hemmx provi fil-process li a bazi taghhom tista tinstab xi forma ta` htija fl-imputata Liliana Cassar Galea;
b. Illi l-provi prodotti ma humiex bizzejjed sabiex tistab xi forma ta` htija fl-imputat Adrian Cassar Galea ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet bin-numri 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9;
c. Illi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet bin-numru 1 u 10, u peress illi l-Qorti tista tinnota li dawn jirrigwardaw l-istess reat (dan seta kien zball genwin li sehh meta l-prosekuzzjoni kienet qed tirredigi l-att tal-komparixxi), din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni bin-numru 10;
d. Illi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni bin-numru 1, din il-Qorti tiddikjara minghajr ezitazzjoni li l-imputat Adrian Cassar Galea gie definittivament passabbli ghal tali reat minhabba l-agir konxju u volontarju tieghu kif rizultanti ampjament mill-provi prodotti.

Bhala kumment generali, u naturalment minn ezami ta` l-atti fl-intier taghhom, l-Qorti ma tistax ma tippuntwalizzax illi l-MFSC kienet ferm gustifikata fl-azzjoni li kienet ittiehdet kontra z-zewg socjetajiet koncernati, li taghhom l-imputat Adrian cassar Galea kien wiehed mid-diretturi, sabiex jieqfu milli jipprovdu servizz ta` assigurazzjoni u dana wkoll a bazi tal-konkluzjoni raggunta mill-MFSC illi d-diretturi tas-socjetajiet imsemmija kienu *not fit and proper persons* skond il-ligi tal-assigurazzjoni.

**Decide.**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 183, 184, 185, 186, 187(1)(2), 188, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil :**

**Liliana Cassar Galea mhux hatja ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u minnhom tilliberaha skond il-ligi;**

**Adrian Cassar Galea, mhux hati ta` l-imputazzjonijiet bin-numri 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u minnhom tilliberah skond il-ligi; u, filwaqt li ghar-ragunijiet gia msemmija, qeda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-imputazzjoni bin-numru 10, din il-Qorti qed issib lil Adrian Cassar Galea hati ta` l-imputazzjoni bin-numru 1 u tikkundannah ghall-piena tal-multa fis-somma ta` elfejn u hames mitt ewro (€2,500).**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur